*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

f

**Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 55**

**L-Erbgha 12 ta' April 2023**

Il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 6:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Joseph Abela Galea – Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Neil Portelli – Kunsillier
Thomas Debattista – Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier

**SKUZATA:**
Anabelle Marmara' – Kunsillier

**ASSENTI:**
Ismael Dalli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **55.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 55.1.1 | Il-Laqgha tal-Kunsill Lokali bdiet fis-17.40pm ghax ma kienx hemm *quorum*. |
| 55.1.2 | Ma kienx hemm. |
| **55.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 55.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 54 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 55.2.2 | Is-Sur Christian Pace ppropona u s- Sur Neil Portelli ssekonda l-minuti tas-Seduta numru 54 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **55.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 55.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-wirjiet tal-Gimgha l-kbira kienu success. |
| 55.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li f'Ħamis ix-Xirka flimkien ma xi residenti mar izur Knejjes ohra barra l-lokalita`. Is-Sindku informa l-Kunsilliera prezenti li n-nies irringrazzjaw lill-Kunsill Lokali. |
| 55.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-attivita` tax-xema ma saritx ghax ix-xemghat fit-Triq kienu ha jnaqqsu l-parkeggi u jmorru anqas nies fil-Knejjes nhar il-Ħamis-ix-Xirka. Is-Sindku qal li la tkun lesta l-Pjazza l- attivita` tkun tista` tinzamm hemm. |
| 55.3.4 | Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsilliera li attendew ghall-*pageant* li nzammet mill-Għaqda Kultura u Armar Marija Annunzjata u qal li kienu jumejn ta` success. Is-Sindku spjega li s-sena d-diehla hemm hsieb li ssir pageant ikbar flimkien mal-purcissjoni tat-Triq kif kienet issir qabel. Il-Kunsilliera prezenti rringrazzjaw lis-Sindku u lill-Ghaqda tal-profesjonalita` u l-hidma li wettqu sabiex il- *pageant* tkun success. |
| 55.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-laqgha li kellha tinzamm mal-*Engineer* ghad-dawl tal-Pjazza giet posposta u se tintbghat data alternattiva. |
| 55.3.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsill ghadu qed jistenna data minghand il-BCRS sabiex tinzamm laqgha maghhom. |
| 55.3.7 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera li ghada se tigi nstallata s-*sleeping police* ta` Triq San Anard. |

| | |
|---|---|
| 55.3.8 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li qed jistenna risposta minghand id-*District Operations* rigward ir-rikjesta li ghamel sabiex jigi assenjat haddiem iehor mal-Kunsill Lokali. |
| 55.3.9 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li il-kumitat tal-festa Marija Annunzjata gabu l-formola tal-applikazzjoni ghall-Transport Malta bid-dettalji kollha u giet iffirmata minnu u mis-Segretarju Ezekuttiv sabiex tintbghat. |
| 55.3.10 | Is-Sindku prezenta dokumenti u pjanti ta` binja proposta bin-numru tal-applikazzjoni PA/04508/18. Is-Sindku qal li din se tkun binja kbira li tibda minn Triq Sqajjaq ghal fejn l-iskola u spjega li resident ukoll gibed l-attenzjoni tal-Kunsill f`dan ir-rigward. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-Kunsill Lokali joggezzjona ghal dan l-izvilupp u mal-appell issir ukoll staqrrijja mill-Kunsill Lokali. |
| 55.3.11 | Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv jekk hemx xi risposta fuq il-kaz tal-Qorti ma *Citadel Insurance*. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-kas gie deferit ghal nhar id-19 ta` Mejju 2023. |
| **55.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 55.4.1 | Ma kienx hemm. |
| **55.5** | **Rapporti** |
| 55.5.1 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera li hargu skemi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li jinkludu t-tindif, attivitajiet kulturali, manutenzjoni fil-libreriji pubblici u manutenzjoni u sostenn ta` progetti infrastratturali magguri li gew inwettqa mill-Gvern centrali u spjega li jixtieq japplika ghalihom. Is-Sindku qal li tal-indafa se tkun bhas-sena l-ohra u tal-attivita` Kulturali se terga` ssir festa helu. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li fuq l-iskema tal-librerija kellem lill-Perita sabiex jigi propost li ssir estenzjoni u jkun hemm librerija fil-miftuh li tikkumplimenta l-librerija li hemm bhalissa. Is-Sindku qal li dwar l-iskema tal- manutenzjoni u sostenn ta` progetti infrastratturali magguri li gew inwettqa mill-Gvern centrali kellem Perit ta` *Infrastructure* Malta ghax jixtieq li jsir xi xoghol infrastratturali fejn l-*Open Air Gym*. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsillira prezenti ma nstabet l-ebda` oggezzjoni u l-Kunsill kien se japplika ghall-iskemi kollha. |
| 55.5.2 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera li hemm bzonn li jigu nstallati tlitt bozoz fi Triq il-25 ta` Marzu, Triq Xintill faccata ta` Triq is-Sorijiet u Triq il-Hagar fuq l-appartamenti. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsillira prezenti ma nstabet l-ebda` oggezzjoni f `dan ir-rigward. |
| 55.5.3 | Is-Segretarju nforma lill-Kunsilliera prezenti li fi Triq San Anard faccata tal-hanut *the convenience* hemm bzonn li tinghalaq bil-*bollards* ghax qed jipparkjaw fuq *double yellow line*. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsillira prezenti ma nstabet l-ebda` oggezzjoni f `dan ir-rigward. |

| | |
|---|---|
| 55.5.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li se jkun qed jorganizza attivita` fit-28 ta` April 2023 fis-6 ta` filghaxija li se tkun iddedikata ghall-Vittmi tal-gwerra kif saret is-sena l-ohra u talab lill-Kunsillier is-Sur Christian Pace sabiex jipprepara diskors differenti. Is-Sindku spjega li ghall-din l-attivita` se jkun qed johrog xi fondi l-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda`oggezzjoni f` dan ir-rigward. |
| 55.5.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li fit-2 ta` Mejju 2023 il-Kunsill Lokali se jkun qed jorganizza attivita filoghdu ghall-Jum l-Omm li se tinzamm Dar Nazzareth ghall-prezz ta` 5 Euro. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda`oggezzjoni f` dan ir-rigward. |
| 55.5.6 | Is-Sur Christian Pace ssugerixxa li jsir hajt kulturali iehor fi Triq it-Tempji Neolitici mal-hajt tal-bocci u jitwahlu nkwatri tal-postijiet storici go Ħal Tarxien. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda`oggezzjoni f` dan ir-rigward u gie deciz li jintalab permess minghand is-sidien. |
| **55.6** | **Mozzjonijiet** |
| 55.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **55.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 55.7.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li se tibda l-evalwazzjoni tat-*Tender* tal-5 *aside* grawnd u l-bandli u spjega li hemm *bidder* wiehed biss. |
| 55.7.2 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li t-*Tender* tal-Bulky gie evalwat u l-irhas wiehed kellu d-dokumentazzjoni kollha tajba. Is-Sindku qal li ghandu nformazzjoni li dan il-kuntrattur ma hadimx tajjeb ma hafna Kunsilli imma jekk il-Kunsill jirrifjutah jaf ikollu appell ghaldaqstant issugerixxa li jinghazel dan il-*bidder* u l-Kunsill jara kif jahdem. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda`oggezzjoni f` dan ir-rigward. |
| 55.7.3 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li l-*call for quotations tal-laptops* gie aggudikat u ma kien hemm l-ebda` appell ghaldaqstant il-*laptops* se jaslu l-Kunsill il-Gimgha d-diehla. |
| 55.7.4 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti li t-*Tender* tal-istage se jkun qed jigi evalwat fil-granet li gejjijn. |
| 55.7.5 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti li trid tinhareg *call for quotation* ghall-*festival* li jinkludi ikel u xorb u li jaghmel parti mill-progett tal-fondi Norvegizi. Is-Segretarju Ezekuttiv talab lill-Kunsilliera sabiex jaghtu nformazzjoni x` jixtieq],u li jkun hemm ghall-attivita` sabiex tkun tista` tahdem fuq il-*call for quotation.* Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jistghax jiehu hsieb l-organizzazjoni tal-*festival* u l-Vici Sindku talbet sabiex |

| | |
|---|---|
| | tiehu hsieb l-NGOs. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda`oggezzjoni f` dan ir-rigward. |
| **55.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 55.8.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali s-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 46/08) flimkien mal-lista tal- *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Marzu 2023/April 2023, għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 55.8.2 | Fuq mozzjoni tas- Sur Christian Pace ssekondatata mis- Sur Thomas Debattista l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **55.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 55.9.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19.15p.m. wara li giet ezawrita l-Agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 8 ta' Mejju 2023 fil-5:30p.m. |

Konfermati, illum 12 ta' April 2023.

**Joseph Abela Galea**
Sindku

**Emma Vella**
Segretarju Eżekuttiv



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*